

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

22.10.2007

B6-0400/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija li titlob tweġiba orali B6-0321/2007

skond l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Joseph Daul, Lutz Goepel, Neil Parish, Struan Stevenson, Pilar Ayuso, Esther De Lange, Carmen Fraga Estévez, Esther Herranz García, Elisabeth Jeggle, Mairead McGuinness u James Nicholson

f'isem il-Grupp PPE-DE

dwar prezzijiet ta' l-ġhalf u ta' l-ikel li qed jogħlew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar prezzijiet ta' l-għalf u ta' l-ikel li qed jogħlew

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni Leġiżlattiva tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar it-twarrib għas-sena 2008,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-prezzijiet dinjija taċ-ċereali żdiedu b'mod drammatiku fl-aħħar xhur,
- B. billi l-provvista dinjija taċ-ċereali ġiet affettwata minn kundizzjonijiet ħarxa tat-temp, notevolment in-nixfa u l-għargħar, li x'aktarx huma marbuta mal-bidla fil-klima,
- C. billi l-Awstralja, pereżempju, qed tesperjenza l-aġħar nixfa tagħha minn meta bdew jinżammu r-reġistri fl-1900,
- D. billi d-domanda dinjija għall-ikel qed tikber iktar mill-provvista, mhux l-inqas minħabba li d-dħul qed jiżdied f'ekonomiji emerġenti bħall-Indja u ċ-Ċina u, flimkien ma' popolazzjonijiet li qed jikbru, dan qed jgħolli d-domanda, speċjalment għal-laħam u għall-prodotti tal-ħalib, u għaldaqstant anke għall-għalf,
- E. billi n-nuqqas ta' sigurtà ta' l-ikel għadu realtà għal aktar minn 854 miljun persuna, li madwar 820 miljun minnhom qegħdin fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
- F. billi l-aħħar stimi jissuġġerixxu li l-ħsad tal-qamħ ta' l-UE-27 se jkun madwar 8 miljun tunnellata inqas mis-sena l-oħra,
- G. billi l-ħsad ta' l-2006 kien biss 265.5 miljun tunnellata, li jħalli biss miljun tunnellata f'intervent għal din is-sena,
- H. billi fl-2006 u l-2007 1.3% u 1.5% biss rispettivament tal-produzzjoni taċ-ċereali fl-UE intużaw għall-produzzjoni ta' l-etanol, li jfisser li ż-żieda fil-prezzijiet ma tistgħax sempliċement tiġi attribwita għal dan l-użu mhux għall-ikel fl-UE,
- I. billi huwa ċar li l-politika fl-Istati Uniti li tiġi assenjata aktar art għat-*tkabbir* tal-qamħirrun biex jiġi prodott l-etanol qed ikollha effett aħħari fuq il-prezz ta' ċereali oħra,
- J. billi, jekk jiġu meqjusa minn perspettiva storika, il-prezzijiet taċ-ċereali wrew ix-xejra li jonqsu f'termini reali, iżda fl-aħħar sitt xhur żdiedu bi tliet darbiet,
- K. billi l-prezzijiet ta' l-ikel bl-imnut ma laħħqux ma' l-għoli tal-ħajja u l-prezzijiet tal-prodotti meta jitilqu mill-farm ma laħħqux mal-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut,

- L. billi l-konsumaturi huma wkoll vittmi ta' l-instabilità tas-suq u billi hemm il-periklu li l-prezzijiet ta' l-ikel li qed jiżdiedu se jagħtu l-impressjoni ħażina li l-bdiewa huma responsabbli,
- M. billi l-ispiża dejjem tikber ta' l-għalf kompost qed tgħolli l-ispejjeż tal-produzzjoni għas-settur tal-bhejjem,
- N. billi l-Artikolu 33 tat-Trattat KE jistipula li l-oġġettivi tal-Politika Agrikola Komuni jinkludu li tiġi żgurata d-disponibilità tal-provvisti u li jiġi żgurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġjonevoli,

Twarrir

- 1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni riċenti tal-Ministri ta' l-Agrikoltura ta' l-UE li jadottaw il-proposta tal-Kummissjoni li jiġu sospiżi l-obbligi tat-twarrir għall-2008;
- 2. Jinnota l-istima tal-Kummissjoni li din il-miżura se tillibera madwar 2.9 miljun ettaru għall-produzzjoni taċ-ċereali u żżid il-ħsad tas-sena d-dieħla b'madwar 10 miljun tunnellata;
- 3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill m'adottax l-emendi tal-Parlament li ppruvaw jisspendu t-twarrir għas-sena 2009 wkoll, u jistenna li din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-Verifika imminenti ta' l-Istat tal-politika agrikola komuni;

Il-produzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' l-ikel

- 4. Jinnota l-kumment riċenti tal-Kummissarju Fischer Boel li l-prezzijiet tal-laħam u tal-prodotti tal-laħam jistgħu jogħlew b'massimu ta' 30% fl-2008 minħabba spejjeż oġhla ta' l-għalf;
- 5. Jinnota li l-prezzijiet oġhla tal-ħalib fl-2007 jirrapreżentaw żieda żgħira iżda li kienet meħtieġa b'mod urġenti għall-bdiewa li jrabbu bhejjem għall-ħalib, iżda li dawn il-prezzijiet huma problematiċi għall-konsumaturi u jagħmluha aktar diffiċli li tinkiseb il-provvista ta' prodotti tal-ħalib li hi meħtieġa, pereżempju mill-iskejjel u l-isptarijiet;
- 6. Jinnota bi tħassib li l-produtturi Ewropej tat-tjur qed ikollhom iħallsu bejn 40% u 60% iktar għall-għalf minn dak li kienu jħallsu sena ilu, speċjalment minħabba li l-għalf huwa responsabbli għal madwar 60% ta' l-ispejjeż totali tagħhom;
- 7. Jenfasizza bl-aktar mod qawwi possibbli li l-ispiża tal-materja prima hija komponent relattivament żgħir fl-ispiża totali ta' ħafna prodotti ta' l-ikel, speċjalment l-ikel proċessat, u li, anke wara ż-żidiet riċenti fil-prezzijiet tal-qamħ, l-ispiża tal-qamħ hija responsabbli għal inqas minn 10% tal-prezz ta' ħobża mibjugħa bl-imnut fir-Renju Unit u inqas minn 5% ta' dak ta' 'baguette' fi Franza;
- 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex janalizzaw id-diskrepanzi bejn il-prezzijiet tal-prodotti meta jtitlqu mill-farm u l-prezzijiet mitluba mill-bejjieġha ewlenin tal-prodotti bl-imnut;

Bijofjuwils

9. Jenfasizza li huwa biss proporzjon żgħir ħafna tal-produzzjoni taċ-ċereali ta' l-UE li qiegħed attwalment jintuża għall-produzzjoni tal-bijofjuwil, u li biex jintlaħqu l-miri tal-bijofjuwil ta' l-UE fl-2020 , xorta jkun hemm bżonn li tintuża biss 15% tar-raba' ta' l-UE;
10. Jenfasizza li l-bijofjuwils attwalment huma l-uniku sostitut għall-fjuwils fossili li huma disponibbli fis-suq fuq skala kbira, u għall-kuntrarju tal-fjuwils fossili, jistgħu jiġġeddu u jistgħu jwasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;
11. Jinnota li meta tintuża tunnellata ta' ċereali fl-UE għall-produzzjoni tal-bioetanolo, sa 40% tagħha terġa' lura fis-settur ta' l-għalf tal-bhejjem fil-forma ta' prodotti sekondarji;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, madankollu, biex jagħmlu iktar biex jipromwovu l-użu u l-produzzjoni ta' bioenerġija tat-tieni ġenerazzjoni, li tinvolvi l-ipproċessar tad-demel u tal-materjali ta' l-iskart agrikolu, minflok prodotti agrikoli primarji;

Importazzjonijiet ta' għalf

13. Jinnota bi tħassib serju li l-ispiża ta' l-għalf kompost żdiedet b'€75 għal kull tunnellata u qed tkompli tiżdied minħabba nuqqas akut ta' qamħ għall-għalf, u li dan jirrapreżenta spiża addizzjonali ta' €10 biljun għall-industrija tal-bhejjem ta' l-UE;
14. Jiddispijaċih għall-fatt li l-Ministri ta' l-agrikoltura ta' l-UE ma rnexxielhomx jaslu għal qbil, fl-aħħar laqgħa tagħhom, biex japprovaw tliet tipi ta' qamħirrun modifikat ġenetikament, minkejja opinjoni pożittiva mill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel;
15. Jirrimarka li perċentwal sinifikanti tal-qamħirrun u tas-soja li diġà qed jintuża għall-għalf tal-bhejjem għandu oriġini GM;
16. Jinnota bi tħassib li t-tfixkil ta' approvazzjonijiet tal-GM iwassal biex jiżdiedu l-prezzijiet ta' materjali oħra ta' l-għalf, u dan jagħmel ħsara lill-kompetittività tal-bdiewa ta' l-UE li jrabbu l-bhejjem u jwassal għal sitwazzjoni paradossali li fiha l-konsumaturi ta' l-UE jixtru laħam u prodotti tal-bhejjem minn pajjiżi terzi li jużaw għalf GM;
17. Jiddispijaċih li hemm projbizzjoni de facto ta' l-importazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-qamħirrun mill-Istati Uniti minħabba nuqqas ta' approvazzjoni;
18. Jistieden, b'rabta ma' dan, lill-Kummissjoni, lill-EFSA u lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu d-dipendenza ta' l-UE fuq importazzjonijiet ta' proteini veġetali minn pajjiżi terzi, jistabbilixxu regoli prattiċi għall-importazzjoni li jkunu bbażati fuq limiti, u jnaqqsu d-dewmien fis-sistema ta' l-UE għall-approvazzjoni tal-GM;

L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet

19. Jinnota t-tħabbira fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ta' l-Agricoltura ta' l-intenzjoni li tiġi fformulata proposta biex jitneħħew id-dazji fuq l-importazzjoni ta' ċereali għall-2008, bħala mezz biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni diffiċli fis-settur tal-bhejjem, speċjalment f'dak tal-laħam tal-majjal;

20. Jirrimarka li tali deċiżjonijiet jistgħu fil-fatt idgħajfu l-pożizzjoni tan-negożjar ta' l-UE fir-rigward ta' l-aċċess għas-suq fin-negożjati tad-WTO;
21. Jenfasizza li din id-deċiżjoni m'għandix isservi ta' preċedent għal setturi oħra bħal dak tarross;
22. Jiċċhad kwalunkwe ċaqliq biex jiġu imposti kwoti u tariffi fuq l-esportazzjoni tal-produzzjoni agrikola ta' l-UE;
23. Jitlob li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jiġu soġġetti għall-istess kontrolli stretti bħall-produtturi ta' l-UE;

In-nuqqas ta' sigurtà dinjija ta' l-ikel

24. Hu konxju mill-fatt li t-tnaqqis fl-istokkijiet dinjija ta' l-ikel ikollu impatt serju u partikolari fuq Pajjiżi bi Dħul Baxx u b'Defiċit ta' Ikel f'dawk il-partijiet tad-dinja li qed jiżviluppaw, b'kont totali ta' l-importazzjoni taċ-ċereali għal dawn il-pajjiżi li hu previst li jiżdied b'mod kunsiderevoli - għall-ogħla ammont li qatt ġie rreġistrat, ta' \$28 biljun fl-2007/08, jew żieda ta' bejn wieħed u ieħor 14 fil-mija fuq il-livell diġà għoli tas-sena l-oħra;
25. Jinnota li, b'mod ġenerali, din is-sena l-pajjiżi li qed jiżviluppaw se jonfqu rekord ta' \$52 biljun fuq l-importazzjoni taċ-ċereali;
26. Iħeġġeġ lill-UE biex tindirizza t-tħassib dwar in-nuqqas ta' sigurtà globali ta' l-ikel b'mod sinifikanti;
27. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi dettaljata tax-xejriet dinjija tas-suq, inkluża d-domanda akbar għall-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jiġi kkunsidrat, bħala parti mill-Verifika ta' l-Istat tal-politika agrikola komuni, il-ħolqien ta' mekkaniżmi permanenti biex tiġi garantita provvista adegwata tas-suq fil-ġejjieni;
28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.